**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 10 / 2011

Il-Laqgha Nru 10/2011 tal-Ewwel Amministrazzjoni saret nhar il-Gimgha, 4 ta’ Marzu 2011 fis-6pm fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta’ Hal-Tarxien f’ 73 Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :** Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joseph Attard | V/President, , Sindku Zejtun |
| Is-Sur Joseph Casha | Sindku Isla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Furjana |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku Marsaskala |
| Is-Sur Dominic Borg | Sindku Paola |
| Is-Sinj. M’Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Valletta
Sindku Marsaxlokk
Sindku Marsa
Sindku Xghajra
Sindku Kalkara

**Assenti :**
Sindku Birgu
Sindku Bormla

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

10.1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru.8/2010 mizmuma fit-25 ta’ Jannar 2011 u tal-Laqgha Nru.9/2011 mizmuma fit-22 ta’ Frar 2011 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kumitat jekk kienux korretti.

Il- Kumitat approva l-Minuti li ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

10.2 **Punti Mqajjma**

10.2.1 **Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2018** Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura
Il-Vici President tkellem dwar is-seminar li kien ghadu kif sar dakinhar fil-

ghodu stess dwar il-Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2018, qal li f' dan l-istadju ta' bidding gia gie deciz li l-Belt Valletta ser tmexxi u l-Kunsilli l-ohra li ffirmaw ser jippartecipaw. Staqsa kif ir-Regjun seta' jipparecipa u jipprezenta proposti filwaqt li l-proceduri ghadhom mhux maghrufa. Ippropona li r-Regjun ghandu jkun jaf kif ser jippartecipa billi jikkorispondi mac-Chairperson minnufih. Il-Vici President semma' li minbarra sponsorships hemm fond iehor MELINA MERCURI, ta' madwar miljun u nofs euro. Il-Website ufficjali hi https://secure2.gov.mt/ECOC/home?l=1. 2018

10.2.2 **Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun** Ufficcju Regjonali

Il-President ghal darba ohra rega' semma kif dan ir-Regjun stabbilit f' Ottubru 2009, sal-lum ghadu l-uniku Regjun minghajr ufficcju amministrattiv. Barra minn hekk, qed jigu wzati servizzi u materjal tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.
Dawk kollha prezenti qabblu li r-Regjun ma jistax jopera hekk u li jibqghu jiltaqghu f' ufficju ta' Kunsill Lokali. Id-Direttur il-gdid, is-Sur Carm Abela ser jiltaqa' mal-President u s-Segretarju Ezekuttiv nhar it-Tnejn, 14 ta' Marzu 2011 u zgur li din kienet ser tkun l-issue principali li tigi diskussa.

10.2.3 **Photovoltaic Units** Photovoltaic Units

Il-President ikkumenta li ma jaqbilx ma dak li kien qal is-Sindku tal-Kalkara dwar ir-rwol tar-Regjun f' oqsma bhal dan, mhux hekk, talli minn issa r-Regjun ghandu jfittex biex jara minn fejn jista jgib fondi ez bl-ghajnuna tal-MEUSAC, ghall-progetti hekk ambizzjuzi u nnovattivi biex ir-Regun XLokk ikun fuq il-forefront dwar roles li jkollhom ir-Regjuni.
Is-Sindku ta' Marsascala qabel u semma li jistghu jinkisbu fondi strutturali.
Is-Sindku tal-Furjana qabel ukoll ghax inkella x' sahha ser ikollu r-Regjun, barra minn hekk il-MEUSAC tista' tkun t' ghajnuna kbira.

10.2.4 **Servizz ta' Trasport bil-Lanca fil-Port il-Kbir u trackless train** Servizz ta' Trasport bil-Lanca fil-Port il-Kbir u trackless train

Il-Vici President qal li r-Regjun ghandu jindaga dwar is-servizz ta' trasport bil-lanec fil-Port il-Kbir.
Is-Sindku tal-Isla semma li hemm 2 ghaqdiet li gia jipprovdu dan is-servizz fl-inhawi tal-Kottonera u ohra li sservi mill-Valletta Waterfront sal-Cruise Terminal tal-Birgu.
Il-President qal li dan is-serivizz u dak tat-trackless train fir-Regjun ghandom jigu mhegga u mtejba b' ghajnuna minn fondi ghall-turizmu sostenibbli a gwadan tal-lokalitajiet tar-Regjun. Ghalhekk ghandha ssir kommunikazzjoni fuq livell Regjonali ma' dawn l-operaturi. Is-Sindku ta' l-Isla ghandu jgib dawn il-kuntatti u jghaddihom lill-President.

10.2.5 **Tender tal-LES** LES

Il-President informa lil dawk prezenti li l-process ta' evalwazzjoni tat-tender kien mexa' gmielu izda billi sar appell minn naha ta' kumpanija, Aurelia, is-Segretarju tal-Public Contracts Review Board ikkorrisponda mar-Regjun permezz ta' e-mail datata 17 ta' Frar 2011, li biha gie ordnat iwaqqaf il-procedura temporanjament.

## 10.3 <u>Affarijiet Finanzjarji</u>

10.3.1 **Xiri ta' Laptop ghall-uzu tas-Segretarju Ezekuttiv** Laptop ghas-Segretarju Ezekuttiv

Il-President gibed l-attenzjoni li kellu jsir il-hlas tal-Laptop qabel din il-

laqgha peress li dan kellu jigi approvat fil-Laqgha Regjonali ta' qabel, li ma saritx minhabba li ma kienx hemm quorum. Kienu ser jiskadu t-30 gurnata minn mindu gie konsenjat l-imsemmi laptop. Intbaghtet e-mail f' dan is-sens mis-Segretarju Ezekuttiv lil kull Kunsill qabel ma sar dan il-hlas u hafna kienu li kitbu lura li ma joggezjonawx.

10.3.2 **Xiri ta' Skrivanija u siggu ghas-Segretarju Ezekuttiv**

Xiri ta' skrivanija u siggu

Gie deciz minn dawk kollha prezenti li tinxtara skrivanija u siggu ghas-Segretarju Ezekuttiv peress li ma setghetx tkompli tahdem minn fuq il-mejda tal-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

## 10.4 <u>Affarijiet Ohra</u>

10.4.1. **European Destinations of Excellence V – Regeneration of Physical Sites**

E-Mail - Regeneration of Physical Sites

Il-President irrefera ghal e-mail mibghuta lil kull kunsill mid-Dipartment, European Destinations of Excellence V – Regeneration of Physical Sites u heggeg lil dawk prezenti biex jipparetecipaw a benificcju taghhom stess.

10.4.2 **Young Musician of the Year**

Young Musician of the Year

Il-President semma' laqgha li kellu ma' Dr Francina Abela f' isem MRF Productions dwar kompetizzjopni *The Young Musician of the Year 2011* taht il-patrocinju tal-President ta' Malta. Din il-kompetizzjoni, tkun miftuha ghal tfal ta' bejn it-tmien snin u sittax-il sena, li jkun mitluba jdoqqu bicca muzika klassika fuq strument li jixtiequ huma stess.
Dr Francina Abela tablet li din il-kompeizzjoni tigi mifruxa fuq il-Kunsilli kollha u li kull Kunsill ikun mitlub li jipprovdi post fejn issir il-kompetizzjoni.
Dawk kollha prezenti qabblu ma' din il-proposta u ghandu jkun hemm kommunikazzjoni ma' Dr Abela.

10.4.3 **Performing Rights Society**

Performing Rights Society

Saret riferenza ghal-email mibghuta mill-ASKL dwar hlas lill-Performing Rights Society. Dawk prezenti qabblu li m'hemmx skop li r-Regjun ihallas ghal dawn ir-rights.

## 10.5 <u>Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament</u>

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.50pm.
Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta, 5 t' April, 2011 fis-6.00pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

## <u>A D D E N D A</u>

**Emblema/Logo ghar-Regjun**

Din l-addenda intalbet li ssir mill-Vici Sindku tal-Fgura, waqt l-approvazzjoni tal-minuti fil-Laqgha Amministrattiva Nru 11/2011 tal-5 t' April 2011, fejn irreleva li fil-laqgħa msemmija, hu kien ippreżenta abbozz tar-regolamenti dwar l-Emblema li tħejjew mis-sotto-kumitat imwaqqaf apposta, fis-sens li dan l-abbozz tar-regolamenti kien ġie ppreżentat u diskuss u li kienet ittieħdet deċiżjoni mill-Kumitat li qabel

jitnieda l-konkors ikunu kkonsultati r-reġjuni l-oħra dwar forma erarldika komuni.

**Chev. Paul Farrugia**
**President**

**M' Lourdes Lautier**
**Segretarju Ezekuttiv**